# BORD TA' INKJESTA

## DWAR L-OPERAT
## TAL-PULIZIJA WAQT L-INVESTIGAZZJONI
## TAS-SUR CHRIS ENGERER
## U IBNU CYRUS ENGERER

# RAPPORT

## Preliminari

### I. ĦATRA BĦALA *CHAIRMAN* TA' BORD TA' INKJESTA

Fis-26 ta' Lulju 2011 is-sottoskrit ġie maħtur *Chairman* ta' Bord ta' Inkjesta mill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bis-saħħa ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Inkjesti (Kap 273 tal-Liġijiet ta' Malta) bl-inkarigu li:

a) jistabbilixxi u jara jekk kemm-il darba waqt l-investigazzjoni tas-Sur Chris Engerer u ibnu Cyrus Engerer kienx hemm negliġenza, non-osservanza ta' proċeduri jew abbuż ta' awtorita` min-naħa ta' xi uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija jew uffiċjali oħra li kienu involuti f'dawn iż-żewġ każijiet jew jekk kienx hemm xi pressjoni esterna;

b) jidħol f'kull aspett anċillari u relevanti għall-materji msemmija hawn fuq; u

c) jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrulu xierqa b'riżultat tal-konklużjonijiet li jasal għalihom.

### II. ĠURAMENT TAL-KARIGA

Fit-28 ta' Lulju 2011, is-sottoskrit ħa u iffirma ġurament skond ma jiddisponi l-Artikolu 5(1) tal-Kap 273 li bil-fedelta` kollha u imparzjalment u mill-aħjar li jista' jaqdi d-dmir u x-xogħol li jmissu bis-saħħa ta' l-imsemmija ħatra. Fl-istess ġurnata huwa d-depożita` l-ġurament imsemmi għand l-Avukat Ġenerali, skond ma jiddisponi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 273.

Biex jespleta l-inkarigu tiegħu s-sottoskritt żamm is-seduti segwenti:-

1. 1 t' Awwissu 2011.
2. 9 t' Awwissu 2011.
3. 10 t' Awwissu 2011.
4. 12 t' Awwissu 2011.
5. 22 t' Awwissu 2011.
6. 26 t' Awwissu 2011.
7. 2 ta' Settembru 2011.
8. 16 ta' Settembru 2011.

U sema' x-xhieda segwenti:-

1. Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo.
2. Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neil Harrison.
3. Supretendent Sandra Mamo.
4. Spettur James Grech.
5. Surġent 1116 Timothy J Zammit.
6. Spettur Victor Aquilina.
7. Edgar Galea Curmi.
8. Cyrus Engerer.
9. Marvic Camilleri.
10. Editur *The Times* Ray Bugeja.
11. Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neville Aquilina.
12. Christian Peregin.
13. PS 635 Alan Calleja.
14. PC 213 Nikolai Borg.
15. PC 923 Pierre Guido Saliba.
16. Kevin Mahoney, Direttur Ġenerali tal-Qrati.
17. Francis Xavier Mangion, Deputat Reġistratur
18. Carmen Aquilina, Deputat Reġistratur.
19. Chris Engerer.
20. PC 137 Roberto Galea.

## IR-RIŻULTANZI TA' L-INKJESTA

1. Il-każ kontra Cyrus Engerer.

2. Ir-rapport li deher f'*The Times* fis-26 ta' Lulju 2011.

3. Is-*search warrant* kontra Chris Engerer li ġie esegwit fil-21 ta' Lulju 2011.

4. It-telefonata ta' Edgar Galea Curmi lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Lulju 2011 dwar is-*search* li saret fuq Chris Engerer.

## 1. IL-KAŻ KONTRA CYRUS ENGERER

Fil-15 ta' Jannar 2010 kien sar rapport lill-Pulizija minn Marvic Camilleri, *ex-partner* ta' Cyrus Engerer, li allega li ssuspetta li Cyrus Engerer kien daħallu fil-*computer* tiegħu, ħa diversi *images* kompromettenti tiegħu ma xi persuna oħra waqt atti sesswali u li dawn l-*images* kien iċċirkolahomlu ma diversi kwartieri, fosthom ma' l-*employer* tiegħu Simone Mizzi tal-kumpanija *Body Shop* kif ukoll ma persuni oħra li jaħdmu miegħu fl-istess kumpanija. Huwa kien ħassu offiż b'din l-azzjoni u talab lill-Pulizija biex tinvestiga min kien li kien qed jiċċirkola dawn l-*images* komprometenti u talab li jittieħdu passi kontra min kien responsabbli.

L-investigazzjoni saret mis-*Cyber Crime Unit* tal-korp tal-Pulizija u minnha rriżulta li l-*images* intbagħtu minn residenza ġewwa l-Mosta fejn dak iż-żmien kien jirrisjedi Cyrus Engerer u minn Brussels fejn dak iż-żmien ukoll spiss kien ikun Cyrus Engerer. Dawn l-*images* kienu ntbagħtu diversi drabi.

Is-*Cyber Crime Unit* ikkonkluda l-investigazzjoni tiegħu fis-7 ta' Marzu 2010.

Il-Pulizija kienu għamlu diversi tentattivi biex jintervistaw lil Cyrus Engerer u, billi Cyrus Engerer kien isiefer spiss ħafna, il-Pulizija damu ma intervistawh. Ġara ukoll li Marvic Camilleri ma kienx baqagħalu interess billi ċ-ċirkolazzjoni ta' l-*images* komprometenti kienet waqfet. Tant hu hekk li kien anke informa lill-Pulizija li ried jirtira r-rapport tiegħu biss qatt ma wasal biex jagħmel dan formalment.

Il-Pulizija spiċċaw biex kellmu lil Cyrus Engerer fit-23 ta' Ġunju 2011.

Fid-9 ta' Lulju 2011 kien sar il-*Gay Pride March* fil-Belt u f'dik l-okkazzjoni Cyrus Engerer kien avviċina lill-Ispettur James Grech u qallu biex kemm jista' jkun iħaffef il-każ kontra tiegħu.

Fil-15 ta' Lulju 2011, Cyrus Engerer, li kien deputat Sindku nazzjonalista fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, irriżenja mill-Partit Nazzjonalista u ssieħeb mal-Partit Laburista.

Fil-25 ta' Lulju 2011, l-Ispettur James Grech qabbad lill-PC 137 Roberto Galea jippreżenta l-Qorti ċ-ċitazzjoni kontra Cyrus Engerer bl-imputazzjonijiet segwenti:

"Billi int akkużat talli f'Diċembru 2009 u fix-xhur ta' qabel, mingħajr awtorizzazzjoni:

(a) użajt *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, *software*, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew użajt, ikkopjajt jew immodifikajt kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk,

(b) għamilt *output* ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li kien qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn ittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor,

(c) ikkopjajt kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma kienx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm,

(d) ħadt pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamilt użu minnhom;

Nakkużak ukoll talli bejn id-29 ta' Diċembru 2009 u l-15 ta' Jannar 2010 b'diversi atti magħmulin minnek anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'reżoluzzjoni waħda,

(e) kxift xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ meta dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietek jew b'xi liġi oħra,

(f) u aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għat-tqassim, immanifatturajt, stampajt jew xort'oħra għamilt, jew daħħalt f'Malta, jew akkwistajt, żammejt, iċċirkolajt xi stampa, tpinġija, ritratt, *film*, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen,

(g) u aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ ta' Marvic Camilleri, weġġajtu bi kliem, b'ġesti, b'kitba b'disinji jew b'xi mod ieħor."

Marvic Camilleri xehed li f'Ġunju li għadda Cyrus Engerer kien avviċċinah u qallu li kien jiddispjaċih u għamillu apoloġija privata.

## 2. IR- RAPPORT LI DEHER F'*THE TIMES* FIS-26 TA' LULJU 2011.

L-għada, is-26 ta' Lulju 2011, deher rapport intitolat "*Deputy Mayor facing porn, computer misuse charges*" dwar il-każ ta' Cyrus Engerer fil-gazzetta *The Times*. F'artikolu tal-ġurnalist Christian Peregin dehru l-imputazzjonijiet dedotti kontra Cyrus Engerer.

L-artikolu semma li:

"*The police have issued a series of charges against Sliema Deputy Mayor* Cyrus Engerer, *accusing him of keeping and/or circulating pornography and of computer misuse. Mr Engerer, 29, is also accused of vilifying Marvic Camilleri, a former employee of the Nationalist Party and a former member of the PN youth movement* (MŻPN). ... *The charge sheet, which was seen by The Times, includes lifting, copying, modifying and outputting data, software or backup documentation without authorisation. The charge sheet then goes on to accuse him of distributing, manufacturing, printing, importing, obtaining, keeping or circulating pornographic or obscene items.*"

Dwar din il-publikazzjoni qamet il-mistoqsija min kien li ta l-informazzjoni lill-gazzetta, kif ukoll jekk tali informazzjoni setgħetx tingħata u jekk dan sarx bi ksur ta' l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi li:

"L-atti u dokumenti tal-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom mingħajr permess speċjali mill-Qorti ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-Avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-Qorti bil-miktub jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu."

Kemm l-uffiċċjali tal-Pulizija, kif ukoll l-uffiċċjali tal-Qorti li rċevew iċ-ċitazzjoni ċaħdu li taw kopja jew urew iċ-ċitazzjoni kontra Cyrus Engerer lil xi ħadd.

Meta l-ġurnalista Christian Peregin ġie mistoqsi mill-Bord biex jgħid min kien li tah l-informazzjoni dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra Cyrus Engerer, huwa invoka l-protezzjoni li tagħtih il-liġi biex ma jkunx imġiegħel jiżvela l-oriġini ta' l-informazzjoni.

It-Taqsima VI tal-Liġi ta' l-Istampa (Kap 248) tiddisponi dwar il-Libertajiet Ġurnalistiċi. L-Artikolu 46 jipproteġi l-konfidenzjalita` ta' sorsi, waqt li l-Artikolu 47 jipprovdi dwar aċċess għat-tagħrif li jkollu l-Gvern.

Rilevanti għall-każ in disamina huwa l-Artikolu 46 li jinqara hekk:

"Ebda qorti ma għandha teħtieġ li persuna msemmija fl-Artikolu 23 ta' dan l-Att tikxef, anqas ma għandha dik il-persuna tkun ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti talli ma tkunx trid tikxef, is-sorsi ta' informazzjoni li tkun tinsab f'gazzetta jew xandira li hija tkun responsabbli għaliha, kemm-il darba ma jiġix stabbilit għas-sodisfazzjon tal-qorti li dak il-kxif ikun meħtieġ fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew inkolumita` pubblika, jew għat-tħaris mid-diżordni jew kriminalita`, jew għall-ħarsien ta' l-interessi tal-ġustizzja:

Iżda l-qorti m'għandiex tordna dak il-kxif sakemm ma tkunx ukoll sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-ħtieġa li l-qorti tagħmel investigazzjoni tkun ikbar mill-ħtieġa tal-*media* li jipproteġu s-sorsi ta' informazzjoni tagħhom, wara li jitqies sew ir-rwol tal-*media* f'soċjeta`demokratika:

Iżda wkoll, ebda ħaġa f'dan l-Artikolu ma għandha titfisser bħala li teżenta lil xi persuna msemmija fl-Artikolu 23 ta' dan l-Att milli ġġib prova dwar il-verita` ta' xi fatti minnha attribwiti skond ma hemm fl-artikolu 12 ta' dan l-Att."

Il-Bord ikkonsidra li jekk lanqas il-Qorti ma tista' tikkonstrinġi ġurnalista jikxef is-sors ta' informazzjoni, lanqas ma jista' jagħmel dan Bord ta' Inkjesta.

Hemm ukoll il-konsiderazzjoni li ma jistax jingħad fil-każ in ezami li l-kxif huwa meħtieġ fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew inkolumita` pubblika, jew għat-tħaris mid-diżordni jew kriminalita`, jew għall-ħarsien ta' l-interessi tal-ġustizzja.

F'dan il-każ hemm ukoll il-konsiderazzjoni li Cyrus Engerer huwa persuna pubblika li jokkupa il-kariga ta' Viċi-Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Cyrus Engerer jallega li l-Ispettur li kien qed jinvestiga l-każ kien qallu li l-każ kien jinstema' bil-'bibien magħluqa' u jiġi deċiż f'ħames minuti.

L-Ispettur James Grech jgħid li lil Engerer kien qallu li l-Avukat tiegħu jista' jitlob illi l-kważa issir bil-bibien magħluqa. L-Ispettur ikompli jgħid li meta Engerer staqsieh x'diferenza jkun hemm bejn jekk jammetti jew jikkontesta, huwa qallu li jekk ma jkunx hemm ammissjoni jkunu jridu jinstemgħu l-provi tal-prosekuzzjoni u mbagħad il-provi tad-difiża, li mhux ser jinstemgħu f'ġurnata u f'każ li jkun hemm ammissjoni, l-każ jista' jiġi konkluż f'ħames minuti.

Dwar il-fatt li l-Pulizija damet ma tressaq il-każ il-Qorti, il-Bord huwa tal-fehma li barra ċ-ċirkostanzi għal dan id-dewmien imsemmijja mill-Pulizija, jiġifieri, ix-xogħol tas-*Cyber Crime Unit* u l-assenza spissa minn Malta ta' Cyrus Engerer, jista' jkun hemm ukoll il-fatt li Engerer kien figura pubblika u l-Pulizija setgħu kaxkru saqajhom għal din ir-raġuni. Issa l-Ispettur Grech jgħid li ma kienx jaf min kien Cyrus Engerer.

Il-Bord isibha inverosimili li l-Pulizija ma kienux jafu min kien Cyrus Engerer meta huwa kien issemma ħafna fil-*media* meta kien inqala' inkwiet kbir fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema li ngħata pubbliċita' kbira fil-mezzi tax-xandir u fil-ġurnali. Jiġi rilevat ukoll li l-kunjom Engerer ma hux komuni.

Pero' ma hemmx provi li kien hemm x'indħil biex il-każ ma jitmexxix jew biex jitmexxa.

Mill-banda l-oħra, wieħed jista' jkollu suspett fondat li ma kinitx sempliċi koinċidenza li ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata' għaxart ijiem wara li Engerer irriżenja mill-Partit Nazzjonalista.

Kif intqal ġa, ma setax jiġi stabbilit min kien li ta l-informazzjoni lil *The Times* dwar iċ-ċitazzjoni u għalhekk, għalkemm huwa probabbli li l-informazzjoni ingħatat wara li ġiet preżentata' fir-Reġistru tal-Qorti billi l-artikolu tal-ġurnalista Peregin deher l-għada, ma jistax jiġi eskluż li l-informazzjoni lil Peregin ingħatat qabel ġiet preżentata' ċ-ċitazzjoni u allura ma jkunx japplika l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali għaliex, qabel ma tiġi preżentata' iċ-ċitazzjoni, din ma tkunx 'att' jew 'dokument' tal-Qorti.

Għandu jingħad ukoll li l-ksur ta' dan l-Artikolu ma hux ta' xi gravita', fis-sens li lanqas jidher li hu reat, iżda biss ksur ta' regola ta' proċedura.

Difatti, fl-istess Titolu tal-Liġijiet ta' Proċedura Kriminali, "Disposizzjonijiet li jgħoddu għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali", li fih jinstab l-Artikolu 518, qablu hemm Artikolu 517 dwar proċeduri li ma jistgħux jiġu pubblikati b'ordni tal-Qorti u dan espressament jistipula li kull min jikser dak l-ordni isir ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u jeħel piena skond l-Artikolu 686, barra minn kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skond il-liġi, kemm-il darba bil-kitba jew bil-pubblikazzjoni tagħha jirriżulta reat ieħor. Mela huwa ċar li l-ksur ta' l-Artikolu 517 jikkostitwixxi reat.

Issa fl-Artikolu 518 ma jissemiex li min jiksru jkun ħati ta' reat u lanqas hemm kontemplata xi piena kif hemm fl-Artikolu 517.

Dan qed jingħad biex ikompli jiġġustifika d-deċiżjoni tal-Bord li ma jikkostrinġix lill-ġurnalista li jikxef is-sors ta' informazzjoni meta l-ksur ta' l-Artikolu 518 ma jikkostitwix raġuni serja u ta' importanza akbar mill-ħtieġa tal-*media* li jipproteġu s-sorsi ta' informazzjoni tagħhom, wara li jitqies sew ir-rwol tal-*media* f'soċjeta' demokratika, kif irid l-Artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Istampa, ġa' ċitat.

Jiġi rilevat li l-ġurnalista ma kiser ebda ordni tal-Qorti u lanqas ma jidher li l-pubblikazzjoni ma kienitx ġustifikata għaliex huwa prinċipju assodat li f'soċjeta' demokratika li l-liberta' ta' informazzjoni għandha tipprevalixxi, bħala regola, fuq id-'dritt' li persuna żżomm mistura l-fatt li proċeduri kriminali jkunu ġew istitwiti kontra tagħha. Iżjed u iżjed meta l-akkużat ikun jokkupa kariga politika.

Dan għaliex hemm, fost konsiderazzjonijiet oħra, is-segwenti erba' raġunijiet:

1) Il-vittmi ta' reat għandhom id-dritt ikunu jafu li l-istat qed jipproteġi id-drittijiet tagħhom li ġew vjolati;

2) Il-komunita` għandha d-dritt li tkun assigurata li l-ġustizzja mhiex rieqda;

3) L-Istat għandu d-dritt li jgħarraf li ma huwiex qed jipproteġi jew jaħbi għal xi kriminal; u

4) Li qed jaqdi l-funzjoni tiegħu li attivament ifittex il-ġustizzja u l-protezzjoni tal-komunita` fil-qrati kriminali.

L-Artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi li:

"Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċizjoni ta' l-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita` ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorita` oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku."

Iżda l-istess Artikolu fis-subartikolu (4)(c)(ii) jiddisponi li:

"Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-Artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorita` bħalma hija imsemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom (c) safejn il-qorti jew awtorita` oħra (ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurta` pubblika, ordni pubblika, moralita` jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuna taħt l-eta` ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri."

Iżda, dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti u tal-Qorti biss, meta l-każ jibda jinstema`, li tiddeċiedi jekk il-każ għandux jinstema fil-pubbliku jew bil-'bibien magħluqa' skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi.

## 3. IS-*SEARCH WARRANT* KONTRA CHRIS ENGERER

Fis-6 ta' Lulju ta' din is-sena l-Assistent Kummissarju Neil Harrison, Kap tad-*Drug Squad*, irċieva telefonata minn persuna magħrufha minnu u li jafha bħala *reliable* li pero` xtaqet li tibqa' anonima. Din irrapportat li fil-*Paradise Bar*, ħdejn l-*Exiles Waterpolo Club* taħt it-Torri f'Tas-Sliema, Chris Engerer, li jmexxi dan il-*Bar*, kien qed juża u anke jittraffika d-droga. Żiedet tgħid li Chris Engerer dejjem bil-*joint* f'idejh, jiġifieri bis-sigarrett tal-kannabis. Qaltlu wkoll li tlett kwarti mill-klijenti tal-*Bar* ta' Chris Engerer kienu wkoll jabbużaw mid-droga. Kien wara li huwa sar jaf li Chris Engerer kien jiġi missier Cyrus Engrer. Il-persuna li ċemplet infurmatu fejn kien il-*Bar* u fejn kien joqgħod Chris Engerer.

L-Assistent Kummissarju spjega fix-xhieda tiegħu li l-iSquad taġixxi anke fuq informazzjoni anonima, pero` jinvestigaw iżjed, qabel ma jmorru jagħmlu *search* id-dar għax qal li ħadd ma jieħu pjaċir li l-Pulizija tmur tqalliblu d-dar fuq sempliċi telefonata anonima. F'dan il-każ, min ittelefona taħ dettalji bżżejjed u, kif ġa` intqal, kien persuna *reliable*.

L-Assistent Kummissarju Neil Harrison assigura lill-Bord li ħadd minn barra l-Korp tal-Pulizija ma kien kellmu fuq Chris Engerer, ħlief min kien ċempillu. Qal ukoll li ma saret ebda *pressure* fuqu biex jieħu jew ma jieħux passi kontra Engerer. Huwa ivverifika min kien Engerer, bħal per eżempju l-*ID card number* tiegħu u l-*personal details* tiegħu li minnu rriżultalu li:

1) Fis-27 ta' Lulju 1985 huwa instab ħati ta' pussess ta' eroina;

2) Fit-23 ta' Settembru 1986 instab ħati ta' pussess ta' kannabis;

3) Fl-4 ta' Jannar 1988 instab ħati ta' pussess ta' kannabis u eroina;

4) Fit-28 ta' Jannar 1988 instab ħati ta' pussess u traffikar ta' eroina;

5) Fit-18 ta' Settembru 2002 instab ħati ta' pussess ta' kannabis.

Ix-xhud għalhekk iddeċieda li jieħu passi billi, minbarra li l-informazzjoni kienet minn persuna *reliable*, mir-*records* tal-Pulizija rriżulta li Chris Engerer kien persuna magħrufa fix-xogħol tad-droga.

Fl-20 ta' Lulju 2011 huwa inkariga Spettur ta' l-Għassa biex iġib *search warrant* fil-konfront ta' Chris Engerer.

Is-*search warrant* ħareġ fil-21 ta' Lulju 2011. It-tfittxija saret mis-Surġent 635 Alan Calleja, PC 213 Nikolai Borg u PC 923 Pierre Guido Saliba. Meta jagħmlu *search* il-Pulizija ma jmorrux iħabbtu l-bieb u jinfurmaw lill-persuna investigata li ser jagħmlulha *search* għax sakemm il-persuna tifthilhom il-bieb hija tkun tista' tarmi d-droga. Għalhekk, huma jistennew lill-persuna toħroġ mid-dar, iwaqqfuha ftit il-bogħod mid-dar jew mill-post li fih ser issir is-*search*.

It-tfittxija saret billi stennewh joħroġ mid-dar, waqqfuh xi żewġ (2) kantunieri l-bogħod, marru fuqu, qalulu li kienu pulizija għax kienu pajżana, identifikaw ruħhom billi wrewh l-*ID Card*. Dak il-ħin huwa kellu *joint* f'idu li kien qed ipejjep u dak il-ħin għafsu u għamlu ponn f'idu. Il-Pulizija qalulu biex jiftaħ idejh u huwa obda immedjatament. Qalulu wkoll li kienu sejrin jagħmlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu pero` ma kienux ser jagħmluha fit-triq biex ma jimbarazzawhx, ħaduh id-dar bil-karozza tal-Pulizija u infurmawh li kienu ser jagħmlulu tfittxija fuqu meta jkunu fid-dar. Urewh ukoll il-*warrant* li jawtorizzahom biex jagħmlu tfittxija fir-residenza tiegħu u anke fil-*Bar* tiegħu. Minn jeddu Engerer, qabel jibdew it-tfittxija, mill-but tal-*jeans* ħareġ borża li, bejn wieħed u ieħor, kien fiha ħames (5) grammi ta' ħaxixa u tahielhom hu stess. Fid-dar sabulu xi karti tal-brim li jagħmlu l-*joints* bihom kif ukoll *crusher* li tintuża għad-droga.

Meta saret tfittxija fil-*Bar* ma nstab xejn komprometenti.

Aktar tard, wieħed mill-Pulizija li għamel is-*search* qal lill-Assistent Kummissarju Harrison li meta għamlu s-*search*, Chris Engerer kien qallhom li huma marru minħabba t-tifel tiegħu u, peress li huma ma kienux jafu min kien, dawn staqsewh min kien, qalilhom li t-tifel kien Cyrus Engerer li kien Viċi-Sindku ta' Tas-Sliema li kien qasam minn partit għall-ieħor ftit ġranet qabel.

Ix-xhud żied jgħid li lanqas hu, sa dakinhar, ma kien jaf li Chris Engerer jiġi missier Cyrus Engerer. Huwa vverifika fuq is-sistema tal-PIRS (*Police Incident Report System*) u sab li hekk kien.

Ix-xhud assigura lill-Bord li l-informazzjoni tal-allegat abbuż tad-droga minn Chris Engerer irċeviha fis-6 ta' Lulju u fid-9 ta' Lulju għamel *printout* tal-*Personal Details* ta' Christopher Engerer li tagħha eżibixxa kopja u dan bħala prova li beda jinvestiga qabel il-15 ta' Lulju, data li fiha Cyrus Engerer issieħeb mal-Partit Laburista.

Ottjena is-*search warrant* fl-20 ta' Lulju u s-*search* saret fil-21 ta' Lulju 2011.

Ix-xhud spjega għaliex is-*search* ma saritx dakinhar. Qal li huwa ħafna drabi jkollu xi erba' xogħolijiet jew ħamsa u ma jkunx jista' jagħmilhom f'daqqa u għalhekk irid jiddeċiedi fuq il-*priorities*. Huwa ta eżempju ta' dan billi spjega li jekk ikollu rapport li xi ħadd għandu kilo droga d-dar, il-każ ma jistax jistenna ġimgħa. Il-każ ta' Engerer ma kienx hekk għax min ċempillu ma qallux imur dak il-ħin għax għandu d-droga fuqu iżda qallu li dan dejjem ikun il-ħanut ipejjep il-ħaxixa u għalhekk ma rax li kellu jagħtiha attenzjoni immedjata minħabba xogħol ieħor li kellu. Qal li l-i*Squad* qeda bin-nieqes bħala riżorsi u allura ma tistax tagħmel kollox f'daqqa.

Il-Bord osserva lix-xhud li l-aħħar *conviction* li kellu Chris Engerer kien f'2002 u allura jekk dan hu *regular smoker* kif ma kienx hemm investigazzjoni dwaru minn dak iż-żmien?

Ix-xhud irrisponda li jkun jaf l-affarijiet meta in-nies jinformawh bihom. Ġieli ċemplulu n-nies u jirraportaw każ u jirrimarkawlu kif jista' jkun ma jafx bit-tali li jallegaw ilu ibiegħ tliet (3) snin, pero' ix-xhud ma jkunx jaf bih waqt li min irraporta jgħid li jkun ilu jaf is-snin.

Ix-xhud qal li jixtieq ikun jaf b'kollox. Żied jgħid li f'dan il-każ il-persuna li ċemplet anke kienet ippruvat tikkomunika max-xhud ftit ġranet qabel, iżda hu kien imsiefer. Ix-xhud kompla jgħid li f'dan il-każ kien ħa azzjoni fi żmien ftit ġranet.

## 4. IT-TELEFONATA TA' EDGAR GALEA CURMI LILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

Fit-22 ta' Lulju 2011, Edgar Galea Curmi, Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru, ċempel lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kummissarju tal-Pulizija xehed li ċempillu Edgar Galea Curmi u qallu li ma' ġembu kellu lil Cyrus Engerer, li jiġi t-tifel ta' Chris Engerer, u qallu li l-Avukat ta' Chris Engerer kien qal "issa stennihom affarijiet bħal dawn mill-Pulizija" b'riferenza ovvja għall-arrest ta' Chris Engerer u r-riżenja ta' ibnu mill-Partit Nazzjonalista u sħubija mal-Partit Laburista. Staqsa lill-Kummissarju tal-Pulizija kienx il-każ li jkellem lill-Avukat ta' Chris Engerer biex jgħidlu li l-arrest ma kienx motivat minn dak li kien għamel Cyrus Engerer. Il-Kummissarju ċaħad l-allegazzjoni u ħasibha ftit jekk ikellimx lill-Avukat ta' Chris Engerer biex jiċħad miegħu l-allegazzjoni li l-Pulizija kienet aġixxiet b'xi motiv politiku meta arrestat lil Chris Engerer.

Iżda wara riflessjoni, u wara li tkellem mal-Assistent Kummissarju Neil Harrison, iddeċieda li ma jkellimx lill-Avukat ta' Chris Engerer għax ma ħasx li huwa għandu jagħti spjegazzjoni lill-Avukat ta' l-akkużat tax-xogħol tal-Pulizija.

Dwar din it-telefonata, Edgar Galea Curmi xehed li qabel nofsinhar tat-22 ta' Lulju 2011 kien ċempillu Cyrus Engerer, pero` dak il-ħin ma setax ikellmu għax kien f'laqgħa f'Villa Francia. Meta spiċċat il-laqgħa huwa mar l-Imdina għax kien sejjer *lunch* ix-Xgħara Palace Hotel. Ċempel lil Engerer u kumbinazzjoni Engerer inzerta kien mal-Kunsill Lokali tal-Imgarr ix-Xgħara Palaca Hotel ukoll u, waqt li kienu fuq il-*mobile telephone*, iltaqgħu ma' xulxin. Engerer qal lil Galea Curmi "Ridt inkellmek għax arrestaw lil missieri fuq pusses ta' droga" u żied jgħidlu "din qed tinħema storja żgur biex lili joskurawni minħabba li jiena qsamt mill-Partit Nazzjonalista." Qallu wkoll din l-istorja diġa` għandhom is-"Super One" u hu saqsieh: "Inti x'jinteressak, inti jinteressak li nindirizzawha din, naraw hiex vera?" Engerer irrisponda "Jiena hekk jinteressani, m'għandi ebda interess li tikber". Galea Curmi staqsieh riedx ipoġġih in kuntatt mal-Kummissarju u jindirizzaha hekk, jew iċempillu hu, u Engerer irrispondih "agħmel int". Ix-xhud qal li kellu quddiemu persuna li kien parrinu tiegħu. Ix-xhud kien sar jaf lil missieru meta hu kien jaħdem bħala *Social Worker* u b'hekk spiċċa parrinu ta' Cyrus Engerer. Ix-xhud kellu quddiemu bniedem li sa ġimgħa qabel kien qallu "Isma, jien *star candidate* tal-Partit Labrista fuq id-9 u l-10 distrett."

Ix-xhud qal li seta' kien kull kandidat ieħor Laburista li jmur għandu, kif ġieli marru, jagħmlulu rapport fuq xi ħaġa li ma tkunx togħġobhom u allura deherlu li ma kellux jeħodha *lightly*. Hu kellu quddiemu kandidat Laburista li qed jgħidlu li l-Pulizija qed tabbuża mill-poter tagħha u qiegħda tieħu azzjoni kontra missieru bi tpattija għalih għax qasam minn partit għal ieħor li, għax-xhud, kienet allegazzjoni serja ħafna.

Galea Curmi żied jgħid li jekk hemm xi ħaġa żgur li għamel hu, bħala parti mill-amministrazzjoni tal-Prim Ministru Gonzi, mis-sena 2004 u anka qabel, hija li ħaġa bħal din dejjem iġġilduha, u allura deherlu li kellu jċempel lill-Kummissarju tal-Pulizija. Lill-Kummissarju qallu: "Isma', jien għandi lil Cyrus Engerer miegħi, dan qiegħed jgħidli li l-Pulizija arrestat lil misseru bi tpattija, speċi qisu b'intimidazzjoni, għall-fatt li huwa qasam mill-Partit Nazzjonalista għall-Partit Laburista, għidtlu ukoll li Cyrus qalli li l-Avukat ta' missieru Carlo Bisazza kien qallu: "Din stenniha issa li t-tifel tiegħek ħa dan il-pass."

Huwa staqsa lill-Kummissarju jekk kienx hemm xi ħadd min-naħa tal-Gvern li kien għamel pressjoni fuqhom fuq dan il-każ u l-Kummissarju rrisponda "assolutament le", qallu li r-rapport kien daħal ħafna qabel u kien inħadem b'mod normali u żied jgħid li ma jistax ikun li dina b'xi mod inħadmet għax kien hemm xi ħadd internament motivat jew għax kien qiegħed jiġi pressat minn barra.

Huwa kien qallu "Kummissarju din mhux lili trid tispjeggaha għax jien persważ li intom ma tagħmlux dawn l-affarijiet, għidtlu pero` spjegahom lin-nies konċernati. Isma naħseb tagħmel tajjeb li din tispjegaha lill-Avukat ta' Chris Engerer li skond Cyrus kien għamel din l-allegazzjoni."

Il-Kummissarju kien irrispondih: "*All right* issa naħsibha" u t-telefonata spiċċat hemm.

Ix-xhud żied jgħid li jaħseb li l-Kummissarju tal-Pulizija igawdi l-fiduċja ta' kulħadd u jekk seta' kien vera dak li kien ġie allegat, din żgur kienet qed tiġri jew *at a much lower level* jew xi ħadd minn barra kien qed jagħmel pressjoni *at a much lower level*. Huwa għalhekk kien kellem lill-Kummissarju għax l-akkuża ma kienetx fuqu, għalkemm hija fuq il-korp tal-Pulizija. Żied jgħid li l-Kummissarju ma jidħolx fil-prosekuzzjoni għax huwa responssabbli għall-amministrazzjoni tal-Korp.

Ix-xhud qal li mhiex l-ewwel darba li rċeva *complaints* fuq il-Pulizija u li tkellem mal-Kummissarju dwarhom u l-Kummissarju kien jitkellem mal-Avukat u kien jgħid lix-xhud "l-aħjar dan niltaqa' magħhom b'mod dirett." Jiġifieri, żied jgħid ix-xhud, 'mhiex xi ħaġa ta' barra minn hawn li l-Kummissarju jiltaqa' ma xi ħadd mhux fuq in-natura tal-każ, mhux fuq l-akkuża, mhux fuq il-prosekkuzzjoni, imma fuq imġieba ta' Pulizija fl-operat tagħhom.

Semma l-każ ta' Martin Debono, il-Kunsillier Laburista f'tas-Sliema, li meta l-i*strip search* fuqu ħareġ fil-pubbliku, hu kien ċempel lill-Kummissarju u qallu "Isma', l-Prim Ministru jrid spjegazzjoni; u hemm diversi affarijiet fejn lill-Kummissarju jien nitolbu spjegazzjoni jew inwassallu lment li jkun daħal għandi. L-Uffiċċju tal-Prim Ministru huwa ripożitorju ta' kollox, mill-inqas ħaġa sa' l-iktar ħaġa importanti u aħna nippruvaw li kull ħaġa li tidħol nindirizzawha bl-iktar mod serju."

Cyrus Engerer qal li, billi meta telaq mill-Partit Nazzjonalista Galea Curmi kien qallu "*anyway at the end of the day* nibqgħu ħbieb" huwa kien ċempel lil Galea Curmi biex jgħidlu "isma' ma nħossux ġust illi niġi attakkat b'mod personali għall-fatt li jiena tlaqt mill-Partit Nazzjonalista, pero' qatt ma għidtlu biex jindaga *whatever, just* ridtu jwassal il-messaġġ lill-Partit Nazzjonalista peress li hu kien membru attiv tal-Partit Nazzjonalista u ovvjament huwa viċin ħafna tal-Prim Ministru, pero' qatt ma tlabtu jindaga bl-ebda mod. Dak il-ħin hu qabad it-*telephone*, ċempel lil xi ħadd, wara rrealizzajt li kien il-Kummissarju Rizzo, pero' ma stajtx nisma' x'kien qiegħed jgħidlu għax kien qiegħed jimxi fit-triq." Engerer żied jgħid li kull ma talab lil Galea Curmi kien li jieqfu jattakkaw il-familja tiegħu.

Galea Curmi qal li jirrispetta d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jkellimx lill-Avukat ta' Chris Engerer. Meta kien ċempel lill-Kummissarju huwa kellu quddiemu kandidat Laburista li kien qed jgħidlu "hawn din l-istorja qed tinħema jien nixtieq noqtolha". Dak il-ħin hu ma kellux għalfejn jissuspetta mill-ġurnalista' ta' l-istorja ta' Cyrus Engerer. Ix-xhud żied jgħid li kif żviluppat wara, f'wieħed mill-artikolu li kiteb kien qal "*in hindsight it could have been a mistake* li t-telefonata lill-Kummissarju kien għamilha quddiem Cyrus Engerer", għaliex illum għandu dubju dwar il-vera intenzjoni ta' Cyrus Engerer fil-fatt li ħabbarha hu stess il-Ħadd meta kienet dehret fuq il-*Malta Today* b'ħafna aktar *flavour*.

## KONKLUŻJONIJIET

### 1. IL-KAŻ KONTRA CYRUS ENGERER

Il-kronoloġija:

A. 15 ta' Jannar 2010 sar ir-rapport kontra Cyrus Engerer minn Marvic Camilleri.

B. Marzu 2010 tlesta r-Rapport tas-*Cyber Crime Unit*.

C. 23 ta' Ġunju 2011 il-Pulizija rnexxielhom jikkuntattjaw lil Cyrus Engerer.

D. 9 ta' Lulju 2011 kien sar il-*Gay Pride March* il-Belt u f'dik l-okkażżjoni Cyrus Engerer kellem lill-Ispettur James Grech u qallu biex iħaffef il-każ kontra tiegħu.

E. 15 ta' Lulju 2011 – Cyrus Engerer li kien Viċi-Sindku Nazzjonalista fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema rriżenja mill-Partit Nazzjonalista u ssieħeb mal-Partit Laburista.

F. 25 ta' Lulju 2011 ġiet preżentata' l-Qorti ċ-ċitazzjoni kontra Cyrus Engerer.

Id-dati jitkellmu waħedhom. Meta tlesta ir-rapport tas-*Cyber Crime Unit* f'Marzu 2010 il-Pulizija segħet tipproċedi kontra Cyrus Engerer. Huwa veru li Marvic Camilleri ma kellux aktar interess jipproċedi għaliex kienet waqfet iċ-ċirkolazzjoni tal-*images* kompromettenti. Tant hu hekk li huwa ried jirtira r-rapport iżda qatt ma wasal biex jagħmel dan. Huwa veru wkoll li l-Pulizija ppruvaw jikkuntattjaw lil Cyrus Engerer qabel it-23 ta' Ġunju 2011 iżda huwa kien ikun imsiefer spiss. Pero` il-Bord mhux konvint li l-Pulizija urew xi għaġla partikolari li jikkomunikaw ma Cyrus Engerer, meta wieħed jikkonsidra kemm illum hawn mezzi faċli biex wieħed jagħmel kuntatt anke ma persuni li jsiefru spiss. Jiġi osservat ukoll li wara dewmien konsiderevoli, iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata` 10 ijiem wara li Cyrus Engerer irriżenja mill-Partit Nazzjonalista u ssieħeb mal-Partit Laburista.

Inevitabilment, wieħed jikkonkludi li l-Pulizija kaxkret saqajha qabel il-15 ta' Lulju 2011 u għaġlet wara, biex tmexxi kontra Cyrus Engerer, u li r-riżenja ta' Cyrus Engerer kienet ir-raġuni li l-Pulizija għaġlet u ppreżentat iċ-ċitazzjoni wara tant dewmien.

Pero`, il-Pulizija jiċħdu li kien hemm konnessjoni bejn ir-riżenja u l-preżentata` taċ-ċitazzjoni.

Il-bidu tal-każ żgur li ma kellux konnessjoni mar-riżenja ta' Cyrus Engerer, għax kien sena u nofs qabel, jiġifieri f'Jannar 2010. Skond il-Pulizija, il-każ dam ma ġie preżentat il-Qorti, kemm għax Marvic Camilleri kien tilef interess, kif ukoll għax Cyrus Engerer kien ikun imsiefer spiss.

Fil-fehma tal-Bord, id-dewmien biex tiġi preżentata` ċ-ċitazzjoni ma kienx ġustifikat. Lanqas ma jista' raġonevolment jiġi eskluż li l-preżentata` taċ-ċitazzjoni, għaxart ijiem biss wara r-riżenja ta' Cyrus Engerer mill-Partit Nazzjonalista, kienet konnessa mar-riżenja tiegħu. Mill-banda l-oħra, m' hemmx prova li saret xi irregolarita`, billi jirriżulta li l-Pulizija kellha indizji raġonevoli biex tipproċedi kontra Cyrus Engerer, u għalhekk, ma jistax jingħad li l-Pulizija aġixxiet vessatorjament għax ippreżentat iċ-ċitazzjoni. Kellha każ *prima facie* ċar biżżejjed biex tipproċedi.

## 2. IR- RAPPORT LI DEHER F'*THE TIMES* FIS-26 TA' LULJU 2011.

Il-Bord għandu l-inkarigu li jinvestiga uffiċċjali pubbliċi, u għalhekk, ma għandux inkarigu li jinvestiga lill-ġurnalista Christian Peregin, li mhux uffiċċjal pubbliku.

Il-Bord ipprova jistabilixxi min kien li ta kopja taċ-ċitazzjoni lill-ġurnalista iżda ma irnexxilux għax il-ġurnalista pprevalixxa ruħu mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tal-Liġi ta' l-Istampa (Kap 248) ġa` ċitat li jipproteġi il-kunfidenzjalita` ta' sorsi ta' informazzjoni tal-ġurnalisti. Għalhekk il-Bord ma setax jikkostringi lill-ġurnalista jiżvela min kien li tah kopja taċ-ċitazzjoni kontra Cyrus Engerer.

Mill-banda l-oħra, kemm l-uffiċċjali tal-Pulizija u kemm l-uffiċċjali tal-Qorti involuti fil-preżentata` taċ-ċitazzjoni, ċaħdu li kienu huma li taw din l-informazzjoni lill-ġurnalista. Jiġi

riħevat ukoll li l-ksur ta' l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali lanqas ma jidher li jammonta għal reat, u jekk il-kopja taċ-ċitazzjoni ngħatat qabel ġiet preżentata`, l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kiminali lanqas biss japplika.

## 3. IS-*SEARCH WARRANT* KONTRA CHRIS ENGERER LI ĠIE ESEGWIT FIL-21 TA' LULJU 2011

Id-data tas-*search warrant* inevitabilment tiddesta s-suspett li kellha konnessjoni mar-riżenja ta' Cyrus Engerer li saret fil-15 ta' Lulju 2011, billi Chris Engerer huwa missieru.

L-Assistent Kummissarju Neil Harrison u Kap tad-*Drug Squad* xehed li huwa rċeva l-informazzjoni dwar Chris Engerer fis-6 ta' Lulju 2011 u prova ta' dan kien il-*printout* tal-*Personal Details* ta' Chris Engerer li kien għamel fid-9 ta' Lulju 2011 u li tagħha eżibixxa kopja lill-Bord. L-Assistent Kummissarju Neil Harrison xehed ukoll li huwa sar jaf, wara li daħlitlu l-informazzjoni, li Chris Engerer kien jiġi missier Cyrus Engerer. Xehed ukoll li ma saret ebda *pressure* fuqu la biex jieħdu u lanqas biex ma jieħdux passi kontra Chris Engerer. Xehed ukoll li ddeċieda li jieħu passi għax minbarra li l-informazzjoni kienet minn persuna *reliable*, rriżultalu mir-*records* tal-Pulizija li Chris Engerer kien persuna magħrufa fix-xogħol tad-droga. Meta xehed Chris Engerer qal li l-Pulizija jafu li hu jpejjep il-ħaxixa li huwa joħodha medikament. Qal ukoll li fl-imgħoddi huwa kien *drug addict* u kien ilu 21 sena "ma jagħmel xejn." Qal ukoll li l-Pulizija jafu li "l-*Bar* tiegħi nixba nkeċċi nies biex ma jabbużawx." Hawnhekk ta' min jistaqsi, x'inhi r-raġuni li n-nies ifittxu l-Bar ta' Chris Engerer biex jabbużaw mid-droga? Qal ukoll li l-mod kif saret is-*search* f'daru kienet turi li l-Pulizija kienu jafu li huwa jpejjep il-ħaxixa u żied jgħid li kellu ħafna ħbieb tiegħu Pulizija u kollha jgħidilhom x'jagħmel. Żied jgħid, li huwa veru li meta l-Pulizija ltaqgħu miegħu fit-triq biex jagħmlulu *search* kellu nofs sigarrett f'idejh u kellu xi ħaġa zgħira fil-but, xi ftit grammi.

Minn dan jirriżulta li l-Pulizija kienet ġustifikata` li tieħu passi fuq l-informazzjoni li rċeviet. Huwa fatt li din is-*search* saret ftit granet wara li ibnu Cyrus irriżenja mill-Partit Nazzjonalista, iżda kif qal l-Assistent Kummissarju Neil Harrison, il-Pulizija jaġixxu meta jirċievu l-informazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, l-Pulizija ma aġixxietx vessatorjament jew mingħajr indizji raġonevoli li Chris Engerer kien qed jabbuża mid-droga, għax fil-fatt is-*search* tat riżultat pożittiv ta' abbuż ta' droga, billi Engerer inqabad *in flagrante*. L-arrest segwa biex il-Pulizija tinterrogah.

## 4. IT-TELEFONATA TA' EDGAR GALEA CURMI LILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA FIT-22 TA' LULJU 2011 DWAR IS-*SEARCH* LI SARET FUQ CHRIS ENGERER.

Kien Cyrus Engerer li lmenta ma Edgar Galea Curmi dwar l-arrest ta' missieru, Chris Engerer. Cyrus Engerer jgħid li huwa ma staqsiex lil Galea Curmi biex ikellem lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda l-intenzjoni tiegħu kienet biex iwassal messaġġ lill-Partit Nazzjonalista.

Galea Curmi ddeċieda li jmur f'ras il-għajn u għalhekk ċempel lill-Kummissarju tal-Pulizija li għandu r-responsabbilta` li jara li l-membri tal-Korp tal-Pulizija ma jabbużawx mill-poteri

taghhom. F'din it-telefonata Galea Curmi f'ebda ħin ma pprova jindaħal lill-Pulizija dwar jekk imexxux jew le kontra Chris Engerer.

Jirriżulta li Galea Curmi lill-Kummissarju tal-Pulizija qallu żewġ affarijiet u cioe`:

1. li l-Avukat ta' Chris Engerer kien qal lill-klijent tiegħu "issa stennihom affarijiet bħal dawn" b'riferenza għall-fatt li ġie arrestat, li skond hu, kien minħabba li ibnu kien irriżenja mill-Partit Nazzjonalista u ssieħeb mal-Partit Laburista u

2. biex ikellem lill-Avukat ta' Chris Engerer u jiċċara l-pożizzjoni u jgħidlu li l-arrest ma kienx motivat politikament.

Il-kontenut ta' din it-telefonata hu korroborat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kummissarju kien talab rapport bil-mikub dwar il-każ lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison li jirraportalu li huwa kien irċeva l-informazzjoni fuq Chris Engerer fis-6 ta' Lulju 2011 u għalhekk ma kellha ebda konnessjoni ma dak li għamel Cyrus Engerer fil-15 ta' Lulju. Kif ġa` indikat iżjed il-fuq f'dan ir-rapport il-Kummissarju waqt li spjega lil Galea Curmi kif ġraw l-affarijiet li wasslu għall-arrest ta' Chris Engerer, iddeċieda li ma jkellimx lill-Avukat ta' Chris Engerer għaliex il-Pulizija m'għandiex toqgħod tagħti spjegazzjoni ta' l-operat tagħha lill-Avukat ta' l-akkużat. Il-Bord jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, għax il-Pulizija trid tiġġustifika l-operat tagħha bil-provi li tressaq quddiem il-Qorti u mhux ma' l-Avukat ta' l-akkużat.

Jekk ikun hemm allegazzjoni serja ta' abbuż ta' poter mill-Pulizija din għandha tiġi investigata`.

Il-Kummissarju xehed li kien hu stess li talab lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Intern biex issir inkjesta, għax hu kellu kull interess ikun jaf il-verita` kollha.

Dan hu li s-sottoskritt għandu x'jirrelata dwar l-inkarigu mogħti lilu biex imexxi din l-inkjesta.

**Imħallef Albert Manché**
***Chairman* tal-Bord ta' Inkjesta**

**Illum 7 t' Ottubru 2011**